MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 09 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 685/2001/1

**Michael Kingswell**

**Vs**

**Joanne Coleiro**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tal-attur ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elf u disa’ mitt lira (Lm1900) rapprezentanti danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu tat-tip Ford Fiesta GAJ 123, ghal liema danni il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti ta’ traffiku billi fit-22 ta’ Gunju 2001 fi triq Hal Far, Birzebbugia il-konvenuta baqghet diehla bil-vettura taghha Mazda CAJ983 u kagunat incident awtomobilistiku kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez u imghax relattiv mid-data ta' l-ircevuti tal-hlas tad-danni sal-pagament effettiv kif ukoll dawk ta' l-ittra legali ta' l-10 ta' Lulju, 2001 kontra ll-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fil-25 ta' Setttembru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm1900.00,0 bl-imghax legali mill-20 ta' Lulju 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-10 ta' Lulju 2001.

Lorianne Camilleri
Deputat Registratur